MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2012

Rikors Numru. 20/2012/1

**Wara l-Ittra Ufficjali numru 227/2011 ipprezentata fis-16 ta' Novembru 2011, u li saret bil-procedura kontemplata taht l-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-atti tal-Mandat ta' Qbid Ezekuttiv numru 20/12JD ipprezentat fit-3 ta' Frar 2012, u esegwit fis-16 ta' Frar 2012 fl-ismijiet :**

**Joseph Camilleri**

**vs**

**Joseph Magro**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ipprezentat minn Joseph Magro fl-20 ta' Frar 2012 li permezz tieghu espona s-segwenti:

Illi fit-3 ta' Frar 2012, gie pprezentat kontra l-esponenti mandat ta' qbid esekuttiv minn Joseph Camilleri, u dan in esekuzzjoni ta' l-ittra ufficjali hawn fuq riferita;

Illi l-esponenti qed jimpunja dan l-att ezekuttiv, kif ukoll l-ittra ufficjali fl-ismijiet premessi ghar-ragunijiet segwenti:

Fl-ewwel lok l-ittra ufficjali *de quo* ma tinkwadrax ruhha fir-rekwiziti rikjesti *ad validitatem* mil-ligi a priori sabiex l-Artikolu 166A ikun jista' jigi applikat, u ghaldaqstant l-intimat ma seta' qatt jadotta dina l-procedura fil-konfront tar-rikorrenti ghad-debitu minn pretis. L-artikolu 166A(1) tal-Kap 12 jaghmilha cara illi kreditur jista' biss jaghmel uzu minn dina l-procedura specjali kemm-il darba d-debitu pretiz ikun wiehed cert, likwidu, u li ghalaq. Illi fil-kaz odjern, il-kreditu vantat mill-intimat fl-ittra ufficjali surriferita la huwa cert, la likwidu, u lanqas dovut. L-intimat *ex admissis* iddikjara li l-ammont mitlub jirraprezenta hlas ta' kumpens ghall-uzu ta' garaxx fi Triq il-Qolla s-Safra, Marsalforn, ikkalkolat bir-rata ta' tliet Euro (€3) kuljum mit-12 ta'Novembru 2007 sa l-10 ta' Ottubru 2010. B'din id-dikjarazzjoni l-intimat minn naha-l wahda qed jikkommetti ruhhu li bejn il-partijiet kien hemm ftehim ta' kommodat billi skont hu kien silfu l-garaxx tieghu biex juzah ghal certu zmien filwaqt li minn naha l-ohra qed jippretendi hlas ta' somma flus ghal kull gurnata li r-rikorrent dam fil-garaxx. Johrog car mil-ligi u huwa ormai principju ben stabbilit fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-elementi tal-gratuwita' huwa element essenzjali ghall-ezistenza tal-kuntratt ta' kommodat. Effettivament il-kawza tal-ftehim tikkwalifika l-kommodat bhala kuntratt ta' tgawdija bazat fuq il-gratuwita' ta' l-uzu tal-haga, u ghalhekk jekk tigi allegata jew pretisa xi forma ta' kontribuzzjoni jew prestazzjoni da parti tal-kommodatarju l-kommodat jigi awtomatikament eskluz (Appell Inferjuri, **Paulina Stagjno pro et noe vs Carmelo Bugeja et,** 16 ta' Ottubru 2004). U min jikkoncedi l-uzu ta' haga jew fond lil persuna li ghandha thallas korrispettiv ghal dak l-uzu –kif qed jippretendi l-intimat – ma jkunx ta dik il-haga b'kommodat imma jkun ta b'lokazzjoni jekk il-korrispettiv jikkonsisti fi flus (Appell Civili, **Giuseppe Abela vs Mary Caruana et,** deciz fit-30 ta' Ottubru 2001). Bid-dikjarazzjoni stess

maghmula minn l-intimat qed jikkontradici lilu nnifsu, u b’mod lampanti. Ma jistax f’nifs wiehed jiddikjara li kien hemm kommodat u fl-istess nifs jippretendi kumpens ghal dan l-uzu tal-garaxx. Minn imkien ma jirrziulta mill-ittra ufficjali billi ma gie esebit ebda ftehim u r-rikorrent ma jistax jifhem minn fejn gie stabbilit mill-intimat il-hlas ta’ tliet euro (€3) ghal kull gurnata ghall-perjodu li gie allegat li r-rikorrenti dam jaghmel uzu mill-garaxx, u ammont stabbilit unilateralment mill-intimat ma jistax jitqies li huwa ammont cert u likwidu. Fin-nuqqas ta’ ftehim car u espress, il-Qrati taghna irritenew li biex l-ammont mitlub ikun cert hemm in-necessita’ ta’ procedura b’rikors guramentat ghall-istabbiliment ta’ l-ammont effettivament dovut;

L-artikolu 166A jirrikjedi li fl-ittra ufficjali ‘ghandu jigi dikjarat b’mod car, taht piena ta’ nullita’, ir-raguni li fuqha tkum imsejsa t-talba, ir-ragunijiet ghaliex it-talba ghandha tintalqa’, u dikjarazzjoni tal-fatti b’sostenn att-talba’. Fl-ittra ufficjali tieghu l-intimat interpella lir-rikorrent jhallsu s-somma ta’ €3189 u mmotiva t-talba tieghu bil-kelmiet: ‘rapprezentanti kumpens ghal uzu ta’ garaxx fi Triq Il-Qolla, Marsalforn, Ghawdex, ikkalkolat bir-rata ta’ tliet ewro (€3) kuljum mit-12 ta’ Novembru 2007 sa l-10 ta’ Ottubru 2010’. Fid-dawl tas-suespost fejn l-intimat qed jikkonfondi l-kuncett tal-kera mal-kuncett tal-kommodat, mhuwiex car x’kien il-ftehim li kien hemm bejn il-partijiet. L-ittra ufficjali hi xotta hafna u ma jistax jinghad li fiha ‘dikjarazzjoni tal-fatti b’sostenn tat-talba’. Dan ir-rekwizit hu *ad validitatem* u s-sanzjoni hi n-nullita’ tal-ittra ufficjali ghall-finijiet tal-Artikolu 166A. Il-kreditur ghandu l-obbligu li fl-ittra ufficjali jaghti bizzejjed taghrif sabiex id-debitur ikun jaf dwar x’hiex jitratta d-dejn u fl-istess hin ipoggih f’pozizzjoni li jista’ jiddeciedi jekk ghandux jammetti t-talba jew jopponiha f’parti minnha biss. Bla dubbju f’dan il-kaz Camilleri kellu jsemmi kif kien qed jippretendi hlas minghand ir-rikorrenti meta skont hu r-rikorrent kellu biss l-uzu tal-garaxx b’kommodat, u kif stabilixxa r-rata ta’ hlas meta bejn il-partijiet ma kienx jezisti ftehim fis-sens kif imsemmi fl-ittra ufficjali;

Illi ghaldaqstant hemm lok li l-ittra ufficjali surreferita tigi ddikjarata nulla u bla effett fit-termini ta' la-rtikolu 166A, u thassar it-titolu ezekuttiv, liema dikjarazzjoni ghandha necessarjament twassal biex il-mandat ta' qbid esekuttiv numru 20/2012 ipprezentat fit-3 ta' Frar 2012, jigi wkoll revokat:

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil din il-Qorti

(i) tiddikjara nulla u bla ebda effett l-ittra ufficjali pprezentata mill-intimati fis-16 ta' Novembru 2011, bin-numru 227/2011 ai termini tal-Artikolu 166A fl-ismijiet premessi, u konsegwentement thassar it-titolu ezekuttiv; u

(ii) konsegwentement tirrevoka l-mandat ta' qbid esekuttiv numru 20/2012 tat-3 ta' Frar 2012.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Rat li fir-risposta tieghu Joseph Camilleri sostna hekk:

Illi din il-procedura illum reza ezekuttiva tista' biss tigi attakkata jekk jonqos xi wiehed mir-rekwiziti tassattivament rikjesti mil-ligi u mhux fuq materji li jolqtu l-mertu bhalma qed jipprova jaghmel ir-rikorrent meta jidhol fi kwistjonijiet ta' kommodat li l-esponenti jhoss illi jkun superfluwu li jindirizza.

Illi fl-ittra ufficjali tieghu l-esponenti talab somma determinata illi hi certa likwida u dovuta. Biex somma tkun certa likwida u dovuta, ma hemmx bzonn il-konkorrenza ta' l-intimat Magro kif donnu qed jimplika.

Illi anke l-ligi fil-proviso ghasub inciz (1) ta' l-artikolu 166A tipprovdi riljev ghal kreditur li ghandu debitu mhux likwidat. Zgur illi s-sitwazzjoni hija u ghandha tkun facli aktar ghal min sabiex jillikwida s-somma tieghu kullma jrid jaghmel hija semplici multiplikazzjoni tal-granet bir-rata kuljum.

Illi l-ittra ufficjali de quo taghti d-dettalji ta' kif l-esponenti wasal ghat-talba tieghu. Hemm annessa wkoll

dikjarazzjoni skond kif titlob il-ligi li fiha spjegat aktar fid-dettal il-kontenut tat-talba.

Ir-rekwiziti ta’ xi jrid ikun fiha ittra ufficjali simili huma ben spjegati fis-sentenza deciza minn din il-Qorti fil-15 ta’ Frar 2010 fl-ismijiet Noel Sultana vs Andrew Mercieca, fejn jidher illi r-rekwziti hemm imsemmija kollha gew sodisfatti fl-ittra ufficjali odjerna. U ghalhekk ma hux il-kaz li tigi dikjarata n-nullita’.

Ta’ min isemmi wkoll illi wara li rcieva l-ittra ufficjali odjerna l-intim kien avvicina lil avukat sottoskritt fejn qallu illi huwa kien kuntent u dispost li jhallas dak il-kont.

Illi dan huwa kaz fejn id-diffikultajiet huma aktar diffikultajiet finanzjarji u r-rikorrenti qieghed sempliciment jiddobba b’din il-procedura biex jittenta jtawwal il-process u jirbah iz-zmien u xejn aktar.

Rat li r-rikors kien appuntat ghas-smigh ghall-1 ta’ Marzu 2012 izda peress li Dr Mompalao talab differiment minhabba li kien indispost, liema talba ma gietx opposta, l-istess rikors gie differit ghall-14 ta’ Marzu 2012.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fis-seduta tal-14 ta’ Marzu 2012.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Fil-qosor il-fatti huma s-segwenti:

1. Fis-16 ta’ Novembru 2011 Joseph Camilleri ta’ ‘Il-Verdun’ Triq Ghajn Mhelel, Zebbug, Ghawdex ipprezenta ittra ufficjali ai termini ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap 12, u nterpella lil Joseph Magro sabiex ihallsu s-somma ta’ tlett elef mija u disgha u tmenin Ewro (€3189) rapprezentanti *‘kumpens ghal uzu minnek ta’ garaxx fi Triq il-Qolla s-Safra, Marsalforn, Ghawdex ikkalkolat bir-rata ta’ tlett Ewro (€3) kuljum mit-12 ta’ Novembvru 2007 sa’ l-10 ta’ Ottubru 2010.’*

2. Fid-dikjarazzjoni guramentata Joseph Camilleri sostna li huwa ghandu jiehu l-ammont ta’ tlett elef mija u disgha u tmenin Ewro (€3189) rapprezentanti kumpens ghall-uzu minn Joseph Magro ta’ garaxx fi Triq il-Qolla s-Safra, Marsalforn, Ghawdex ikkalkolat bir-rata ta’ tlett Ewro (€3) kuljum mit-12 ta’ Novembvru 2007 sa’ l-10 ta’ Ottubru 2010. Sostna li Magro kien juza dan il-garaxx biex jahzen oggetti li jkun gabar bhala konsennatarju tal-Qorti. Qal ukoll li *‘Ghalkemm Magro qatt ma cahhadni minn flusi sal-lum ghadu ma tani xejn. Nemmen illi dan id-debitu huwa veru, cert u likwidu u l-intimat ma ghandux eccezzjoni x’jaghti ghalieh’.*

3. Joseph Magro ma pprezentax nota fit-termini tal-Artikolu 166A sabiex jikkontesta l-imsemmija ittra ufficjali.

4. Fit-3 ta’ Frar 2012 Joseph Camilleri pprezenta mandat ta’ qbid ezekuttiv (20/2012) ghas-somma ta’ €3189, imghax u spejjez.

Il-procedura odjerna hija procedura istitwita a tenur ta’ l-Artikolu 166A(5) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex it-titolu ezekuttiv ottenut mill-intimat fil-konfront tar-rikorrenti bis-sahha ta’ l-ittra ufficjali a tenur ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap 12 datata 16 ta’ Novembru 2011, bin-Numru 227/2011, jigi rexiss u dikjarat null u bla effett fil-ligi minhabba n-nullita’ ta’ dik l-ittra ufficjali.

Illi a tenur ta’ l-Artikolu 166A(5) tal-Kap.12 sabiex il-Qorti tilqa’ talba ghar-rexissjoni u dikjarazzjoni ta’ nullità u bla effett fil-Ligi ta’ titolu ezekuttiv ottenut bis-sahha ta’ ittra ufficjali mahruga a tenur ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap 12, minbarra li r-rikors min-naha tad-debitur irid jigi pprezentat fi zmien ghoxrin (20) gurnata mill-ewwel notifika li ssirlu ta’ xi mandat ezekuttiv jew xi att gudizzjarju iehor imsejjes fuq dak it-titolu, trid tkun sodisfatta li d-debitur ma kienx jaf b’dik l-ittra ufficjali ghaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss, jew li l-ittra ufficjali ma kienx fiha l-htigijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3) ta’ l-Artikolu 166A.

B'referenza ghall-kaz odjern jirrizulta li r-rikorrent qieghed jibbaza t-talba tieghu fuq il-premessa li l-ittra ufficjali ma tinkwadrax ruhha fir-rekwiziti ta' l-artikolu 166A peress li (i) l-ammont mitlub mhux wiehed cert; u (ii) l-ittra ufficjali hija wahda xotta u ma jistax jinghad li fiha 'dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba'.

L-intimat min-naha tieghu jirribatti tali kontestazzjoni ghall-validita' ta' l-ittra ufficjali u l-konsegwenti titolu ezekuttiv tieghu bl-affermazzjoni li r-rekwiziti elenkati mil-ligi gew sodisfatti.

Illi s-**sub artikolu 2 tal-artikolu 166A** jipprovdi:-

"(2) *Il-kreditur ghandu jmexxi billi jipprezenta ittra ufficcjali, illi ghandha tkun skond forma stabbilita mill-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja b'avviz legali u illi l-kontenut taghha ghandu jigi konfermat bil-gurament mill-kreditur, jew quddiem ir-Registratur jew Prokuratur Legali mahtur bhala Kummissarju bis-setgha li jaghti gurament taht l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgha li jaghtu l-gurament, li ghandha tigi notifikata lid-debitur fejn <u>ghandu jigi dikjarat b'mod car, taht piena ta' nullita, ir-raguni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-ragunijiet ghaliex it-talba ghandha tintlaqa', u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba</u>[1]…."*

Ili imbaghad l-**Artikolu 166A (4)** jistipula li f'kaz li d-debitur, f'dan il-kaz ir-rikorrenti ma jwegibx ghad-domanda li saritlu ai fini ta' dan l-Artikolu, s-segwenti:-

"*Meta d-debitur ma jopponix it-talba fi zmien tletin jum min-notifika taghha lid-debitur, jew meta d-debitur jopponi biss it-talba f'parti minnha fiz-zmien hawn qabel imsemmi, l-ittra ufficcjali ghandha ghar-rigward tat-talba hekk mhux opposta, jew dik il-parti fiha hekk mhux opposta, tkun tikkostitwixxi titolu ezekuttiv bhallikieku dik l-ittra ufficcjali kienet inkluza fl-artikolu 253(a).*"

[1] Sottolinear tal-Qorti

Illi fil-kaz odjern, kif diga' gie rilevat, ir-rikorrent ma pprezenta l-ebda nota fit-termini tal-ligi. Madankollu l-ligi tipprovdi permezz tas-**sub artikolu (5)** tal-artikolu 166A x'ghandu jsir f'kaz li r-raguni tal-intimat li ma wegibx tkun wahda gustifikata. Dan is-sub artikolu jghid hekk:-

"(5) "*Titolu ezekuttiv li jinkiseb skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dejjem jekk ma jkunx hemm oppozzizzjoni min-naha tad-debitur, ghandu jigi rexiss u ddikjarat null u bla ebda effett jekk meta ssir talba permezz ta' rikors fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), skond il-kaz, li tigi pprezentata mid-debitur fi zmien ghoxrin gurnata mill-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat ezekuttiv jew xi att gudizzjarju iehor imsejjes fuq dak it-titolu, l-Qorti tkun sodisfatta:*

*(i) li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra ufficcjali ghaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew*
(ii) *li l-ittra ufficcjali ma kienx fiha l-htigijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3)."*

Illi minn ezami tal-korp tar-rikors promotur ma jirrizultax li r-rikorrenti qed jallega li ma kienx jaf bl-ittra ufficcjali ghaliex huwa ma kienx gie notifikat kif imiss, u ghalhekk l-ewwel proviso mhux applikabbli.

Jehtieg ghalhekk li din il-Qorti tezamina w tara dak li hemm provdut fis-sub artikoli (1), (2) u (3) ta' l-istess artikolu 166A sabiex tara jekk jikkonkorrux dawk ic-cirkostanzi.

Skont l-**artikolu 166A (1)** ir-rikorrenti jista' jaghmel uzu mill-procedura tal-ittra ufficcjali hemm imsemmija

"*F'azzjonijiet ghall-hlas ta' dejn cert, likwidu u li ghalaq u li ma jkunx jikkonsisti fl-esekuzzjoni ta' fatt u meta l-ammont tad-dejn ma jkunx jeccedi tlieta u ghoxrin elf u mitejn u tlieta u disghin Euro u tlieta u sebghin centezmu (€23,293.73), jew dik is-somma l-ohra li tista' tigi stabbilita minn żmien ghal zmien b'Ordni fil-Gazzetta mill-Ministru, il-kreditur ikun jista' jipprocedi………………*

*Izda wkoll il-kreditur ikun jista' jimxi skont dan l-artikolu biss jekk id-debitur ikun preżenti f'Malta u ma jkunx minuri jew persuna inkapacitata skont il-ligi u jekk id-dejn ma jkunx dovut minn eredita gjacenti"*

Illi fil-kaz odjern ir-rikorrenti qieghed isostni li m'hemm l-ebda dejn li huwa cert. Isostni li l-intimat qieghed jippretendi hlas ghall-uzu ta' garaxx. Meta qed jinghad uzu huwa ovvju li qed issir referenza ghall-kommodat li min-natura tieghu ghandu l-element tal-liberalita' u tal-gratuwita'. Inkella l-intimat qed jippretendi hlas ghall-kera li huma zewg kuncetti totalment differenti minn xulxin.

Illi mhux il-kompitu ta' din il-qorti f'dawn il-proceduri li tidhol fil-kwistjoni ta' ezattament x'irid ifisser bil-kelma 'uzu' l-intimat fl-ittra ufficjali. Jekk ir-rikorrent hawnhekk qed jikkontendi li l-garaxx inghata lilu b'titolu ta' kommodat din hija materja li tirrigwarda l-mertu bejn il-partijiet.

Il-qorti trid tinvestiga jekk it-talba ta' l-intimat tikkostitwixxi dejn li huwa cert. Illi fil-fehma tal-qorti d-dejn li l-intimat Joseph Camilleri qed isostni li huwa cert mhu fil-fatt cert xejn. Dan peress li minn qari ta' l-istess ittra ufficjali ma jirrizultax spjegat minfejn u fuq liema bazi l-intimat wasal ghar-rata ta' €3 kuljum ghal garaxx – jekk din wasalx ghaliha bi ftehim mar-rikorrent jew inkella hijiex ir-rata li huwa solitament jitlob lil min juza l-garaxx tieghu (jekk dan huwa l-kaz). L-intimat qaghad attent hafna tant li fl-istess ittra ma rreferix ghal xi ftehim li kien hemm bejn il-partijiet dwar tali rata. Kulma qal fid-dikjarazzjoni tal-fatti huwa li Magro qatt ma cahdu minn flusu. Minn dan u fin-nuqqas ta' provi kuntrarji, il-qorti tifhem li ma kienx hemm ftehim bejn il-partijiet u l-intimat qabad u unilateralment iffissa r-rata huwa.

Ghalhekk l-ittra ufficjali certament ma tissodisfax ir-rekwizit tal-ligi.

Illi oltre' dan, ir-rikorrent sostna li d-dikjarazzjoni tal-fatti wkoll ma tissodisfax ir-rekwiziti tal-ligi.

Dwar il-procedura kontemplata fl-Artikolu 166A tal-Kap.12 u r-rekwiziti elenkati fl-Artikolu 166A(2) fis-sentenza fl-ismijiet **Noel Sultana v. Andrew Mercieca** inghad illi *permezz tal-procedura kontemplata fl-Artikolu 166A tal-Kap.12 il-legislatur kellu l-hsieb li jnaqqas l-ammont ta' kawzi li jsiru billi ntroduca din il-procedura specjali. Bl-Att VII tal-2007 zied ghas-somma ta' €23,293.73 l-ammont li ghalih tista' tintuza din il-procedura. Il-qorti hi tal-fehma li l-ittra ufficjali hi xotta hafna u ma jistax jinghad li fiha **"dikjarazzjoni tal-fatt b'sostenn tat-talba"**. Il-kliem **"ghal xoghol u parts"** m'humiex bizzejjed sabiex jissodisfa l-htiega li l-ittra ufficjali jkun fiha "dikjarazzjoni tal-fatti". Wiehed ghandu jiftakar li fejn qabel persuna kellha taghmel kawza ghaliex*
*ma jkollhiex titolu ezekuttiv, wara l-introduzzjoni ta' l-Artikolu 166A kreditur jista' jottjeni titolu ezekuttiv b'semplici ittra ufficjali. Hu minnu li d-debitur ghandu l-opportunità kollha li f'kaz ta' dubju jipprezenta nota fit-terminu ta' 30 gurnata min-notifika u jopponi t-talba u b'hekk igieghel lill-kreditur jkun kostrett jaghmel kawza, madanakollu l-htiega li l-ittra ufficjali jkollha **"dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba"**. Madanakollu dan ir-rekwizit hu ad validitatem u s-sanzjoni hi n-nullità ta' l-ittra ufficjali ghal finijiet tal-Artikolu 166A. Il-kreditur ghandu l-obbligu li fl-ittra ufficjali jaghti bizzejjed taghrif sabiex id-debitur ikun jaf dwar x'hiex jittratta d-dejn u fl-istess hin ipoggih f'posizzjoni li jista' jiddeciedi jekk ghandux jammetti t-talba jew jopponiha f'parti minnha biss. Bla dubju f'dan il-kaz Sultana kellu jsemmi fl-ittra ufficjali n-natura tax-xoghol li qieghed jintalab il-hlas tieghu, il-vettura li fuqha sar ix-xoghol, meta sar ix-xoghol, u spiega tal-ammont li qieghed jitlob fis-sens li jaghti taghrif dwar spejjez ta' parts u x-xoghol li sar u li tieghu qieghed jippretendi l-hlas. Informazzjoni li suppost kienet tirrizulta wkoll mill-kont li normalment johrog il-kreditur, u li f'dan il-kaz ma gietx annessa kopja tieghu ma' l-ittra ufficjali. Taghrif li m'hemm l-ebda accenn ghalih fl-ittra ufficjali in kwistjoni. Setgha kien hemm fatti ohra rilevanti, ezempju li d-debitur jiffirma l-kont. Ovvjament dawn ikunu jvarjaw minn kaz ghall-iehor. Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz l-ilment ta' Mercieca hu gustifikat*.'

Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Vincent Borg vs Shaun Risiott**[2] l-insenjament li johrog minn din is-sentenza huwa wiehed car: il-procedura ntrodotta bl-Artikolu 166A tal-Kap.12 hija procedura specjali hafna u dak dettat mil-legislatur ghall-validità taghha ghandu jigi segwit rigorosament. Ghalkemm il-procedura hija bbazata fuq il-prezentata ta' ittra ufficjali mill-kreditur kontra d-debitur, din l-ittra ufficjali ma tistax titqies bhala semplici interpellazzjoni ghall-hlas fejn it-taghrif moghti mill-kreditur lid-debitur jista' ma jkunx daqshekk dettaljat, basta li ddebitur ikun jaf dwar x'hiex jittratta d-dejn li qed jigi nterpellat ihallas.

F'kaz ta' semplici interpellazzjoni ghall-hlas mhux necessarju li jinghata daqstant dettal oltre n-natura tad-dejn u r-raguni ghall-hlas, ghaliex f'kaz ta' inadempjenza da parte tad-debitur il-kreditur jipprocedi bil-proceduri gudizzjarji quddiem il-Qorti/Tribunal kompetenti fejn hemm jaghti iktar dettal in sostenn tal-pretensjoni tieghu w id-debitur ikun jista' mhux biss jaf dwar x'hiex jittratta d-dejn, izda wkoll kif ghandu jiddefendi ruhu ghall-interpellazzjoni li qed issirlu.

Proprju ghaliex il-procedura kontemplata fl-Artikolu 166A hija ntiza biex jigi ottenut titolu ezekuttiv minghajr il-htiega ta' procedimenti gudizzjarji ulterjuri, f'kaz ta' nuqqas ta' kontestazzjoni da parte tad-debitur, huwa necessarju li dik l-ittra jkun fiha d-dettal kollu mehtieg biex id-debitur ikun jaf mhux biss
dwar x'hiex jittratta d-dejn izda wkoll biex ikun f'posizzjoni li jista' jiddeciedi jekk ghandux jammetti t-talba jew jopponiha in toto jew f'parti minnha biss.

Il-procedura in kwistjoni hija ntiza biex jitnaqqsu n-numru ta' kawzi quddiem il-Qrati, biex jitnaqqsu l-ispejjez u biex tithaffef il-procedura ghall-hlas ta' djun, izda dan certament m'ghandux ikun ta' detriment u pregudizzju ghad-drittijiet ta' debitur, fosthom id-dritt li jiddefendi ruhu kif jixraq. Huwa ghalhekk illi l-legislatur rabat in-nullità tal-procedura u konsegwenti titolu ezekuttiv derivanti minnha,

[2] Avviz Nru: 175/2011GV deciz fit-18 ta' Awwissu 2011

man-nuqqas ta’ wiehed mir-rekwiziti rikjesti *ad validitatem* ta’ l-ittra ufficjali, elenkati fl-Artikolu 166A(2).

In linea ma’ dan issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Gouder et v. Zammit**[3]. Wara li kkunsidrat is-sentenza **Sultana v. Mercieca** u l-principji enuncjati fiha, il-Qorti ta’ l-Appell ziedet tghid li minn dik is-sentenza *wiehed jifhem ahjar x’ghandu jkun l-element kostituttiv ta’ l-ittra ufficjali ghall-espressjoni legislattiva tad-dikjarazzjoni tal-fatti b’sostenn tat-talba. Dan mhux minghajr raguni gjaladarba l-uzu ta’ l-att gudizzjarji innovattiv introdott fil-ligi procedurali, ex-Artikolu 166A, hu intiz bl-iskop li jevita l-procediment gudizzjarju tal-kawza (Artikolu 154 et sequitur) u l-hela ta’ energija u spejjez zejda, fl-istess waqt li johloq t-titolu ezekuttiv. Mhux allura bizzejjed li fl-ittra ufficjali wiehed jillimita ruhu ghar-raguni li fuqha tkun imsejsa t-talba – f’dan il-kaz, ‘appalt ta’ injam’ – imma ghandu wkoll skond ir-regola normattiva u, ghaliex le, il-bon sens, jiccertifika l-elementi kollha fattwali ghax minn dawn tiddependi, ghat-tutela tad-difiza tad-debitur, l-interess legittimu u manifest li hu jkun xjenti tad-dikjarazzjonijiet kollha ta’ fatt ghal liema qed jintalab il-hlas u b’hekk ikun fi grad ahjar li jametti jew jirripella, il-kaz, il-pretiza tal-kreditur reklamanti. Ukoll fil-fehma ta’ din il-Qorti l-kliem ‘appalt fuq l-injam”, ma jikkostitwixxux dikjarazzjoni certa u cara tal-fatti. Inter alia, meta saret il-kontrattazzjoni, il-kontenut ta’ l-appalt u t-termini tieghu, l-ezekuzzjoni tieghu, il-pattijiet dwar il-hlas tieghu etcetera. Wiehed ma jistax ma jfakkarx f’dik il-gurisprudenza li tirritjeni nulla u mhux meritevoli ta’ konsiderazzjoni, meta kien ghadu jvigi r-rit tac-citazzjoni, fejn il-kawzali taghha tkun espressa bhala ‘ghal ragunijiet ohra validi fil-ligi’ (**Fortunata Mizzi v. Rosina Coleiro**, Appell Civili, 14 ta’ Dicembru 1949), jew ‘ghal ragunijiet ohra li jigu esposti tul it-trattazzjoni tal-kawza’ (**Carmelo Darmenia v. Avukat Dottor Charles Moore nomine**, Prim’ Awla, Qorti Civili, 14 ta’ April, 1964). B’egwal forza magguri dan huwa hekk ukoll il-kaz hawnhekk trattasi li hi l-ittra ufficjali li tikkreja per saltum titolu ezekuttiv.*

[3] Appell Civ Nru: 113/2010PS deciz fis-6 ta’ Ottubru 2010

*Irid jinghad imbaghad b'rabta ghall-proviso ta' l-Artikolu 789 fuq riferit illi ghall-ittra ufficjali de qualanqas ma hi akkonsentita jew permissibbli d-debita korrezzjoni gjaladarba mhux possibbli li jsir dan una volta l-materja ghaddiet fil-fazi ezekuttiva taghha*.

Illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell kompliet li *meta l-att ta' l-ittra ufficjali gie fformulat b'dik il-mankanza tad-'dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba', l-istess ma tistax titqies idoneja biex tirraggungi l-iskop volut mil-legislatur ghaliex din hi karenti minn dak l-element essenzjali, l-istess hi affetta minn nullita' insanabbli u ghaldaqstant ma tistax lanqas tissarraf fl-ammissibilita' taghha bhala strument siewi gaht-titolu ezekuttiv espress bil-mandat ta' sekwestru. Filwaqt li din il-Qorti wkoll tirrikonoxxi, bhall-appellanti, illi l-formalizmu eccessiv ghandu kemm jista' jkun jigi evitat, minn naha l-ohra lanqas m'ghandu pero' jithalla ghaddej kollox jew li jigi inkoraggit permissivizmu ingustifikat fir-retta amministrazzjoni tal-gustizzja.*

Illi meta l-ittra ufficjali bin-Numru 227/2011 tas-16 ta' Novembru 2011 mibghuta minn Joseph Camilleri lil Joseph Magro titqies fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq esposti, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-istess ma f'hiex dikjarazzjoni tal-fatti kif rikjesta mill-artikolu 166A(2). Ghalkemm fl-ittra in kwistjoni gie dikjarat illi : (i) l-kreditu jirrapprezenta kumpens ghall-uzu ta' garaxx; (ii) ir-rata giet ikkalkolata bir-rata ta' €3 kuljum; (iii) il-perjodu kopert huwa mit-12 ta' Novembru 2007 sa' l-10 ta' Ottubru 2010; (iv) li l-garaxx kien jintuza' ghal hazna ta' oggetti li Magro jkun gabar bhala konsennatarju tal-Qorti; (iv) li Magro qatt ma cahdu minn flusu izda sal-lum ma tah xejn; (v) illi dan il-kreditu huwa veru, cert u likwidu, fil-fehma tal-Qorti tali dikjarazzjoni ma tissodisfax il-vot tal-Ligi in kwantu ghad illi tirrizulta n-natura tal-kreditu pretiz mill-intimat (ghalkemm ir-rikorrent isostni li l-kelma 'uzu' ifisser li t-titolu huwa kommodat jew inkella l-intimat qieghed ihawwad il-kuncetti u fil-fatt qed jitlob kera), ma hemmx dettalji sufficjenti biex ir-rikorrent seta' jitqieghed f'posizzjoni li jiddefendi ruhu kif jixraq ghall-interpellazzjoni

ta’ l-intimat u jiehu decizjoni dwar kif jipprocedi fir-rigward ta’ l-istess.

Bla dubju f’dan il-kaz  Camilleri kellu jispjega x’kien dan il-ftehim li qed isostni li kellu ma’ Magro; meta dan l-allegat ftehim intlahaq; it-termini u l-kundizzjonijiet ta’ l-istess ftehim; kif wasal ghar-rata ta’ €3 kuljum ossija jekk din ir-rata kinitx maqbula bejn iz-zewg partijiet (l-intimat ma tax x’jifhem li kien hemm qbil dwar ir-rata) jew inkella jekk stabbilita unilateralment fuq liema bazi wasal ghal tali rata u dan s’intendi sabiex ir-rikorrenti jkun jista’ jaghmel il-verifiki tieghu u jikkonkludi jekk din ir-rata hijiex wahda gustifikata.  Ghalkemm Camilleri sostna li Magro qatt ma cahdu minn flusu izda qatt ma tah xejn mhux car x’irid ifisser b’tali frazi.

Ghalhekk fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ilment ta’ Joseph Magro huwa gustifikat.

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija:-

(i) Tiddikjara nulla u bla ebda effett l-ittra ufficjali pprezentata mill-intimat fis-16 ta’ Novembru 2011, bin-numru 227/2011 ai termini tal-Artikolu 166A fl-ismijiet ‘Joseph Camilleri vs Joseph Magro’, u konsegwentement thassar it-titolu ezekuttiv; u

(ii) Konsegwentement tirrevoka l-mandat ta’ qbid esekuttiv numru 20/2012 tat-3 ta’ Frar 2012 fl-ismijiet ‘Joseph Camilleri vs Joseph Magro’.

Spejjez bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------